MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tal-11 ta' April, 2011

Numru. 499/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Nikolai Sant]**
**[Spettur Malcolm Bondin]**

**vs**

**Kevin Zammit**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kevin Zammit detentur tal-karta tal-identita` numru 577381(M).

Akkuzat talli:
a) Talli nhar l-10 ta' April 2011, ghall-habta tas-02.00 hrs gewwa Triq Ball, San Giljan, attakk jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe` PS 928 Ramon Mifsud u PC 1052 Brian Tonna, filwaqt li kienu jagixxu ghall-

ezekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

b) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxu jew ibezza’ fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz u cioe` fuq il-persuna ta’ PS928 Ramon Mifsud u PC1052 Brian Tonna;

c) Aktar talli fl-istess data, hin u lok ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija;

d) Aktar talli fl-istess data, hin u lok, kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjar u glied.

Il-Qorti giet mitluba wkoll f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta` ta’ PS928 Ramon Mifsud u PC1052 Brian Tonna kif jidhrilha xieraq skont l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe l-Artikoli 96, 95, 325(1)(b), 221(1), 338(ee) u 338(dd) tal-Kodici Kriminali.

Stante ammissjoni mill-imputat ghall-akkuzu (b), (c) u (d) kif dedotti kontrih biss peress li l-akkuza (a) giet irtirata mill-prosekuzzjoni u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu, qeghda ssib lill-imputat Kevin Zammit hati tal-akkuzi (b), (c) u (d) kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena (1) mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------